Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

15 ta' Novembru 2016

**Is-Seba' u Sittin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AĠENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt lill-aġenzija Culture3Sixty dwar l-ospitalità marbuta mal-Proġett "*Small Markets at the Heart of the European Economy*"
6. Mozzjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim rigward ir-restawr u l-kustodja tat-Torri l-Abjad
7. Impjieg ta' uffiċjal mas-Segretarjat tal-Kunsill
8. Tħejjijiet għall-Estimi Finanzjarji 2017
9. Ftehim dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli
10. Baġit u tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2016

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONI

### 5. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

"Billi permezz tal-Programm "*Europe for Citizens – Town twinning Citizens' Meetings*" ġiet allokata s-somma ta' €150,000 taħt *Strand* 2, Miżura 2.2 *Networks of Towns, Selection Year* 2016 – *Round* 1 – għall-Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy",* li l-ewwel parti tiegħu ser isseħħ fil-Mellieħa, bejn it-8 u t-12 ta' Diċembru 2016 b'allokazzjoni ta' €25,000;

Billi skont il-ftehim mal-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency*, il-proġett jinvolvi l-organizzazzjoni ta' konferenza bil-parteċipazzjoni ta' delegati minn Malta; il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja; il-Polonja, ir-Rumanija u Ċipru, li jeħtieġu ikel u akkomodazzjoni matul il-ġranet imsemmija; u

Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 12/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mis-Sotto-Kumitat tal-Evalwaturi tat-tliet offerti li saru, skont rapport datat 10 ta' Novembru 2016;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz meħtieġ għandu jiġi ffirmat mal-offerent Culture3Sixty Ltd, billi offrew l-anqas prezz, filwaqt li kienu konformi mar-rekwiżiti nklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/25)

| | |
|---|---|
| Clayton Bartolo | Emvin Bartolo |
| **Viċi Sindku (Proponent)** | **Kunsillier (Sekondant)** |

### 6. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

"Billi permezz ta` kuntratt datat 10 ta' Settembru 2009 ġie ffirmat kuntratt mad-Dipartiment ta` l-Artijiet li bis-saħħa tiegħu l-bini tat-Torri l-Abjad u r-ridott ta' madwaru (Tenement No. 50240), li jinsabu fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, ġew devoluti lill-Kunsill Lokali Mellieħa b`titolu ta` kera;

Billi l-intenzjoni tal-Kunsill hija li dan il-post ikun jista` jitgawda mill-pubbliku, iżda minħabba l-limitazzjonijiet fir-riżorsi finanzjarji u umani mhux possibbli li jirrestawra, jattrezza, jmantni u jikkustodixxi l-imsemmija proprjetà, mingħajr spiża kapitali u rikorrenti minn sena għall-oħra; u

Billi wara li saret sejħa għall-interess ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Frar 2016, is-soċjetà Din l-Art Ħelwa,flimkien ma' offerent ieħor, uriet li lesta tidħol għal dan l-inkarigu, a spejjeż tagħha, skont abbozz ta` ftehim li ġie approvat kemm mill-Kunsill, kif ukoll mill-istess soċjetà, li kopja tiegħu tqassmet qabel is-seduta tal-Kunsill ta' llum 21 ta' Novembru 2016; u

Billi d-Dipartiment tal-Artijiet, permezz ta' ittra datata 29 ta' Lulju2016 ikkonċeda li din il-proprjetà tiġi mgħoddija lis-socjetà msemmija għall-għanijiet speċifikati aktar 'il fuq;

Il-Kunsill jirriżolvi illi s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiġu awtorizzati jiffirmaw l-imsemmi ftehim għal perjodu ta' għaxar snin mid-data tal-iffirmar.". (A/6/7/1/Vol II)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Joseph Gauci |
| **Sindku (Proponent)** | **Kunsillier (Sekondant)** |